MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.**

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 12/2002/1

**Rikors numru 12/02DM**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

Helen Gatt

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta  ghal hlas tas-somma ta' erba' telef u wiehed liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm4,001.53) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 573696 (skond kif jirrizulta mill-istatement Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond bl-isem 'In-Nagalla' Flat 2, Plot 30, Salina Road, Salina u dana skond ma kif jidher mis-'service agreement' Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali ta Ottubru 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici, ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esibiti u semghet il-provi prodotti bil-gurament issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' telef u wiehed liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm4001.53) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-3 ta' Jannar 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

Sandra Farrugia
Dep Reg
Civ A

.